# ALLA JĦOBBNA

It-3 Ħadd ta' Matul is-Sena

*Ġesù jibda l-ħajja pubblika tiegħu. Jgħid lin-nies: 'Indmu, għax waslet is-saltna ta' Alla.'*

(Mt4, 12-23)

Ġesù qalilna li Alla jħobb u jaħfer lil kulħadd. Wera dan:

- bil-parabboli li qal fuq il-maħfra,
- għax ħabb, ħafer id-dnubiet u għen lin-nies li kienu jmorru għandu.



Ġesù jixtieq li kull wieħed u waħda minna jagħraf kemm hi kbira l-imħabba ta' Alla lejna.

Ġesù kellu s-setgħa li jaħfer id-dnubiet. Hu ried li jibqa' jaħfer, għalhekk għadda din is-setgħa lill-appostli u lill-Knisja.

Meta nagħmlu dnub ma nibqgħux ngħixu fil-paċi ma' Alla, magħna nfusna u ma' l-oħrajn. Kull meta nirċievu s-sagrament tal-Qrar, Alla jurina l-imħabba tiegħu għax jaħfrilna, u għalhekk nergħu ngħixu fil-paċi.

## Imħabba

Alla jħobbna għax ħalaqna, jieħu ħsiebna u jahfrilna fis-sagrament tal-qrar.

Aħna nkunu nħobbu 'l Alla meta ngħixu t-tagħlim ta' Ġesù.

Ġesù jistedinna nifirħu u niċċelebraw l-imħabba ta' Alla.

## Nagħmel dnub

- għax nagħmel il-ħażin jew
- għax ma nagħmilx l-affarijiet tajba li stajt u li kelli nagħmel

Kelma oħra li tintuża' għas-sagrament tal-qrar hi *(ibdel in-numri ma' l-ittri)*

| a | ċ | i | j | k | l | n | o | R | z |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 4 | 5 | 8 | 3 | 9 | 6 | 7 | 2 | 10 |

__ __ __ __ __ __ __ __ __ __ __ __ __ __ __

2 5 3 7 4 5 9 8 1 10 10 8 7 6 5

Min jaħfirlek meta tkun imqareb/imqarba, ma tobdix jew ma tgħinx fid-dar/skola? ________________

Għaliex jaħfrulek? ________________

Faċli li taħfer lill-oħrajn? ________________

Lil min taħfer l-aktar? ________________

Għaliex taħfer? ________________



X'tistenna minn għand dawk li taħfrilhom? ________________

X'għandek tagħmel biex tqerr tajjeb? ________________

Min kienu n-nies li ltaqgħu ma' Ġesù u ħafrilhom? ________________

Liema huma l-parabboli li Ġesù qal biex jurina l-imħabba u l-maħfra ta' Alla? ________________